MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 532/2009

**Mobisle Communications Limited
(C-24655)**

**vs**

**Dunstan Williams
(I.D. 102779M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' elf u sitta u tletin Euro u sebgha u hamsin centezmi (€1,036.57), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru 164 u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu, 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestruipprezentat

kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi gie ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' elf u sitta u tletin Euro u sebgha u hamsin centezmi (€1,036.57), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------